**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM IT-8 TA' APRIL 2020**
**DIGRIET KAMERALI**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju nru 318/20 u fl-atti tar-Rikors Guramentat nru 862/16RGM fl-ismijiet-**

**Philip sive Pinu Azzopardi**
**Vs**
**Rosina Cassar, Raphael Scerri, Maria Debono u Silvia Zammit**

**Rikors Revoka nru 235/20RGM**
**prezentat minn Rosina Cassar et. fit-12 ta' Marzu 2020**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors revoka pprezentat mis-sekwestrati Rosina Cassar et. fit-12 ta Marzu 2020 li permezz tieghu ghar-ragunijiet hemm moghtija talbu illi l-Qorti tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 318/20 fuq imsemmi ai termini tal-artikolu 836(5) u/jew ta' l-artikolu 836 (1) (d) tal-Kap 12; u tordna lil Philip Azzopardi ihallas penali ai termini ta' l-artikolu 836 (8) (d) tal-Kap 12.

Rat ir-risposta ta' Philip Azzopardi pprezentata elettronikament fis- 7 ta' April 2020 li permezz taghha ghar-ragunijiet hemm moghtija oppona ghar-rikors imsemmi.

Rat l-atti u d-digrieti taghha precedenti.

Ikkonsidrat;

**Fatti Rilevanti Atecedenti**.

Il-fatti rilevanti li taw lok ghar-rikors in dizamina huma s-segwenti.

Fit-28 ta' Frar 2020 Philip Azzopardi ottjena l-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 318/20 kontra Rosina Cassar, Raphael Scerri, Maria Debono u Silvia Zammit in kawtela ta' pretensjoni tieghu fl-ammont ta' mitejn u hamsa u ghoxrin elf ewro (€225,000) deskritta fl-istess mandat kawtelatorju bhala "danni, multi u penali inkorsi konsegwenza tal-kawza 55/11 u l-mandat ta' inibizzjoni 155/11 li biha ma tistax tigi kompluta l-procedura fiskali inkluza l-causa mortis ta' Salvatore Zammit".

Jirrizulta illi Saviour Zammit, qarib tal-partijiet u li kien guvni kien ghamel diversi testmenti bl-ahhar wiehed fl-20 ta' Awissu 2010 li permezz tieghu halla lil Philip Azzopardi eredi uniku univerali tal-beni tieghu kollha salv xi legati.  Fl-10 ta' Novembru 2010 Saviour Zammit miet.    Is-sekwestrati Rosina Cassar et., rikorrenti fil-proceduri odjerni, jikkontendu u jallegaw illi d-decujus Saviour Zammit ma kellux fl-20 ta' Awissu 2010 l-kapacita' mentali mehtiega sabiex jersaq fuq testment u ghalhekk fis-sena 2011 ipprezentaw

kawza ta' impunjazzjoni tat-testment imsemmi (Rikors Guramentat nru. 55/11) u ottjenew il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra Philip Azzpardi sabiex pendenti l-kawza imsemmija huwa jkun inibit milli jkollu access ghall-assi ereditarji tad-decujus Salvatore Zammit (Mandat ta' Inibizzjoni nru 155/11).

Hames snin wara, u cioe' fis-sena 2016 Philip Azzopardi pprezenta kawza kontra l-partijiet l-ohra (Rikors Guramentat nru. 862/16) li permezz taghha qed jitlob lill-Qorti tiddikjara *inter alia* illi l-partijiet l-ohra kkawzawlu danni konsegwenza tal-proceduri gudizzjarji li intavolaw kontra tieghu, senjatament il-kawza ta' impunjazzjoni tat-testment de quo u l-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi. Jikkontendi illi b'rizultat ta' dawk il-proceduri istitwiti kontrih huwa ma jistax igawdi l-frott tal-wirt lilu mholli kif ukoll minhabba li ma jistax jaghmel il-*causa mortis* u ghalhekk qed jinkorri imghax ta' 8% fuq l-ammont tat-taxxa dovuta. Ftit qabel ma pprezenta dik il-kawza Philip Azzopardi kien ottjena l-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 1287/16 kontra l-partijiet l-ohra ghas-somma ta' €100,000 in kawtela tad-danni minnu pretizi, “danni, multi, u penali inkorsi, kawza tal-agir abbuziv li biha ma tistghax tigi kompletata l-procedura fiskali inkluza *causa mortis* ta’ Salvatore Zammit.”

Sussegwentement il-partijiet Rosina Cassar et. talbu u ottjenew minn din il-Qorti diversament presjeduta li dak iz-zmien kienet qed tisma' l-kawza fil-mertu, ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru. 1287/16 imsemmi (Rikors Revoka nru. 926/16JPG) . Fil-provvediment moghti fis-7 ta' Dicembru 2016 jinghad illi l-Qorti kienet qed tirrevoka l-mandat ta' sekwestru imsemmi ai termini tal-artikolu 836 (1) (f) tal-Kap. 12 wara li kkonsidrat illi:-

> Il-Qorti hija tal-fehma illi fid-dawl tal-gurisprudenza citata aktar il-fuq, jezistu l-elementi necessarji ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni. Jirrizulta illi l-kawzali li fuqhom huwa msejjes il-mandat ta' sekwestru huwa **agir abbuziv** minn naha tas-sekwestrati. Pero, fir-realta jidher li dan l-agir abbuziv reklamat m'huwa xejn iktar milli t-tehid mis-sekwestrati ta' proceduri legali sabiex jikkawtelaw id-drittijiet taghhom fil-kaz illi it-testment ta' Salvatore Zammit jigi dikjarat null. M'hemm xejn abbuzziv meta persuna tikkawtela d-drittijiet taghha pendent l-ezitu ta' kawza minnha ntavolata. Ghalhekk, galadarba ma jirrizultax prima facie il-kawzali sottomessa mis-sekwestrant u cioe l-agir abbuziv, bhala bazi ghal hrug tal-mandat ta'sekwestru de quo, dan il-mandat ghandu jigi revokat.

Ghal dawk il-motivi l-Qorti kienet irrevokat il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 1287/16 precedentement ottenut minn Philip Azzopardi ghall-ammont ta' €100,000

Gimgha wara r-revoka tal-mandat ta' sekwestru imsemmi Philip Azzopardi intavola kawza kontra l-partijiet l-ohra fejn ghar-ragunijiet hemm moghtija talab lill-Qorti "(1) Tiddikjara li l-hrug ta` mandat ta` sekwestru huwa necessarju sabiex ir-rikorrenti jikkawtela l-pozizzjoni tieghu kontra l-intimati, *inter alia,* ghal dak li jirrigwardja danni, multi u penali li jigu inkorsi peress li ma tistax tigi pubblika u mhallsa l-causa mortis ta` Salvatore Zammit (KI 159028M); u (2) Tordna l-hrug ta` mandat ta` sekwestru sabiex l-esponent jikkawtela l-pozizzjoni tieghu. Bl-ispejjez." B'sentenza moghtija fis-27 ta' Frar

2017 minn din il-Qorti diversament presjeduta (Rikors Guramentat nru 1125/16JZM) il-Qorti cahdet it-talbiet ta' Philip Azzopardi wara li sabet illi "l-azzjoni odjerna tmur kontra dak stipulat fl-Artikolu 836 (5) tal-Kap. 12. Bl-azzjoni tal-lum l-attur qieghed jikkontesta d-digriet li bih kienet milqugha r-revoka tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1287/2016, haga li l-ligi ma tippermettiex illi jaghmel." Minn dik is-sentenza ma giex intavolat appell.

Recentement, fit-28 ta' Frar 2020 giet deciza l-kawza li Rosina Cassar et. intavolaw sabiex jimpunjaw it-testment tad-decujus Salvatore Zammit (Rikors Guramentat nru. 55/11JA) fejn il-Qorti cahdet it-talba taghhom sabiex jigi ddikjarat li t-testatur la kellu s-sahha u lanqas ir-rieda u fakultajiet intellettwali sabiex ikun jista’ jaghmel testment bil-libera volonta’ tieghu. Rosina Cassar et. iddikjaraw li behsiebhom jappellaw mis-sentenza imsemmija; ghalkemm jidher li l-appell sallum ghadu mhux intavolat probabilment minhabba li t-termini legali huma fil-prezent sospizi bis-sahha tal-Avviz Legali 84 tal-2020 u tal-Avviz Legali 97 tal-2020 filwaqt li bis-sahha tal-Avviz Legali 65 tal-2020 is-Supretendent tas-Sahha Pubblika ordnat l-gheluq tal-Qrati tal-Gustizzja u tar-registru tal-qorti b'effett mis-16 ta' Marzu 2020.

Proprju dakinhar li giet ippronunzjata s-sentenza fit-28 ta' Frar 2020, Philip Azzopardi ipprezenta rikors kawtelatorju iehor kontra Rosina Cassar et. din id-darba ghas-somma ta' €225,000 u bhala kawzali nizzel is-segwenti:

> "danni, multi u penali inkorsi konsegwenza tal-kawza 55/11 u l-mandat ta' inibizzjoni 155/11 li biha ma tistax tigi kompletata l-

> procedura fiskali causa mortis ta' Salvatore Zammit - omissis - Illi l-kawza 55/11 (S.T.O.Prim Imhallef Dr J Azzopardi) giet deciza fit-28 ta' Frar 2020 fejn it-talbiet attrici, intimati fil-mandat odjern, gew michuda u l-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha ikkonkludiet li 'La darba l-ewwel talba assolutament ma timmeritax li tintlaqa', mhux il-kaz li din il-Qorti tikkunsidra l-kumplament tat-talbiet'."

Rinfacjati b'dak il-mandat Rosina Cassar et. intavolaw ir-rikors revoka mertu ta' dan id-digriet.

**Artikolu 836 (5) tal-Kap. 12.**

Ir-rikorrenti Rosina Cassar et. jikkontendu illi Philip Azzopardi kien prekluz milli jintavola rikors ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju stante li s-sub inciz 5 tal-Artikolu 836 tal-Kap. 12 jiprojbixxi li sekwestrant li jara l-mandat kawtelatorju tieghu revokat jerga' jottjeni l-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju iehor fuq l-istess pretensjoni jekk qabel xejn huwa ma jiddikjarax li mid-data tar-revoka tal-mandat kawtelatorju precedenti jkunu inqalghu cirkostanzi li jkunu jiggustifikaw il-hrug ta' att kawtelatorju gdid bhal dak li jkun gie revokat. Is-sub inciz imsemmi jipprovdi kif gej:-

> (5) Ma ghandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fis-subartikolu (1), u dan id-digriet ikun finali u irrevokabbli; u barra l-każ kontemplat fis-subartikolu (1)(a) ebda att kawtelatorju bhal dak ma jista' jinhareg biex jiggarantixxi l-pretensjoni kontra l-persuna li kontriha l-att kawtelatorju hekk revokat ikun inhareg, kemm-il darba fir-

> rikors għall-ħruġ ta' dak l-att kawtelatorju bħal dak ir-rikorrent ma jiddikjarax li jkunu nqalgħu ċirkostanzi minn meta ġie revokat l-att kawtelatorju ta' qabel, li jiġġustifikaw il-ħruġ ta' att kawtelatorju ġdid bħal dak li jkun ġie revokat, u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom, ma' dan, japplikaw għal dak l-att kawtelatorju maħruġ mill-ġdid bis-saħħa ta' dak ir-rikors."

Philip Azzopardi fir-risposta tiegħu għar-rikors in diżamina jissottometti illi huwa kien ġustifikat li jitlob u jottjeni l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju ieħor nonostante li dak preċedenti tiegħu kien ġie revokat. Jgħid illi nqalgħu ċirkostanzi ġodda li jikwalifikaw bħala l-eċċezzjoni kontemplata fis-sub inċiż 5 fuq ċitat. Jargumenta illi s-sentenza fuq imsemmija tat-28 ta' Frar 2020 li permezz tagħha t-talbiet ta' Rosina Cassar et. ġew miċħuda b'sentenza huma ċ-ċirkostanzi ġodda li jissodisfaw il-vot tal-liġi.

Ikkonsidrat;

Fil-fehma tal-Qorti s-sottomissjoni ta' Philip Azzopardi ma hiex legalment fondata. Il-vot tal-liġi kif stipulat fis-sub inċiż 5 ma hux sodisfatt billi sempliċement issir referenza għal sentenza nieqsa minn kwalunkwe referenza għall-provvediment mogħti fis-7 ta' Diċembru 2016 li permezz tiegħu kien ġie revokat il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1287/16. Minn eżami tal-atti tal-Mandat ta' Sekwestru nru 318/20 jirriżulta ictu oculi illi l-Imħallef tal-Għassa li akkordah fit-28 ta' Frar 2020 ma kellu quddiemu l-ebda indikazzjoni li mandat kawtelatorju simili kien ġia' ġie preċedentement intvolat u sussegwentment revokat. Imkien ma hemm indikazzjoni li r-

referenza ghas-sentenza moghtija fit-28 ta' Frar 2020 kienet qed issir sabiex tigi kkonsidrata mill-Qorti bhala cirkostanzi godda li inqalghu wara r-revoka tal-mandat kawtelatorju precedenti. Imkien Philip Azzopardi ma indika fir-rikors ghall-hrug tal-mandat illi huwa kien qieghed jiprevalixi ruhu mill-eccezzjoni kontemplata fis-sub inciz 5 tal-Artikolu 836.

Is-sub inciz 5 tal-Artikolu 836 tal-Kap. 12 huwa inekwivoku. Sabiex talba ghal hrug ta' mandat kawtelatorju gdid wara revoka ta' iehor tkun proceduralment sana jehtieg li min jitlob il-hrug ta' tali mandat jiddikjara bil-gurament illi jkunu inqalghu cirkostanzi godda minn wara r-revoka ta' mandat iehor. Dan sabiex il-Qorti adita minn tali rikors tkun f'posizzjoni tistharreg u tiddeciedi jekk verament kienx hemm cirkostanzi godda li jiggusitifikaw il-hrug tal-mandat kawtelatorrju nonostante li dak precedenti jkun gie revokat. Tali nuqqas fil-kaz odjern wassal lill-Qorti adita mir-rikors ghall-mandat li tikkonsidra it-talba bhala rikors ordinarju ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju ordinarju. Rikors ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju iehor wara li dak precedenti jkun gie revokat b'ordni tal-Qorti ma jibqax rikors ordinarju ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju.

F'cirkostanzi simili rikorrent fil-kwalita' tieghu ta' sekwestrant prospettiv huwa fid-dover li jgib a konjizzjoni tal-Qorti hekk adita sew l-atti tal-mandat kawtelatorju precedenti kif ukoll id-decizzjoni precedenti li permezz taghha tali mandat kien gie revokat. L-ironija tas-sorti jew l-isfortuna, skond kif thares lejn il-kwistjoni, hi illi id-digriet li permezz tieghu gie akkordat il-hrug tal-mandat ta' sekwestru indizamina inghata mill-istess Imhallef li ppronunzja s-sentenza fis-27 ta' April 2017 li permezz taghha gie deciz illi Philip

Azzopardi ma kellux dritt li jintavola mandat ta' sekwestru kawtelatorju iehor una volta dak minnu ottenut precedentment kien gie revokat. Din il-konstatazzjoni u osservazzjoni tal-Qorti hija konferma ta' kemm in-nuqqas tas-sekwestrant li jinforma lill-Qorti li mandat precedenti tieghu kien gie revokat cahhad lill-Qorti adita bir-rikors ghall-hrug ta' mandat de quo milli tikkonsidra t-talba fid-dawl tas-sub inciz 5 tal-Artikolu 836 tal-Kap. 12

Ikkunsidrat;

Ghalkemm il-partijiet fir-rikors u fir-risposta in dizamina ghamlu sottomissjonijiet dwar jekk is-sentenza fil-kawza ta' impunjazzjoni tat-testment moghtija fit-28 ta' Frar 2020 tikwalifikax bhala cirkostanzi godda fid-dawl tal-Artikolu 836 (5) tal-Kap 12, din il-Qorti tqis illi l-procedura odjerna ma tista tissostitwixi dak li messu sehh qabel ma nhareg il-mandat de quo. Huwa f'dak l-istadju li r-rikorrent kien fid-dover illi jsegwi *ad unguem* dak li jipprovi s-sub inciz 5 sabiex il-Qorti, qabel ma tiddeciedi jekk tordnax il-hrug tal-mandat kawtelatorju mitlub, tiddeciedi jekk dak allegat mir-rikorrent jikwalifikax bhala cirkostanzi godda fit-termini tal-Artikolu 836 (5). In-nuqqas ta' Philip Azzopardi li josserva l-vot tal-ligi kif fuq spjegat jirrendi r-rikors tieghu li wassal ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru de quo bhala irritwali.

Il-Qorti ghalhekk sejra tilqa' t-talba tar-rikorrenti ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 318/20.

**Artikolu 838 (8) tal-Kap. 12 - Penali.**

Stabbilit illi Philip Azzopardi naqas meta ipproceda bil-mod kif ipproceda sabiex jottjeni l-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju iehor, jibqa' li jigi deciz jekk ir-rikorrenti humiex gusitifikati li jitolbu l-hlas ta' penali ai termini tal-Artikolu 838 (8) tal-Kap. 12.

Artikolu 836 (8) tal-Kapitolu 12 jipprovdi li

> (8) Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inhareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centeżmu (1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il centeżmu (6,988.12) li jmorru ghand il-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li gejjin:[1]
>
> (a) jekk ir-rikorrent, minghajr raguni valida, ma jaghmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-ligi;
>
> (b) jekk, fit-talba tal-konvenut ghat-tnehhija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinhareg jew illi fi żmien hmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors ghall-hrug tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed:

[1] Enfażi tal-Qorti.

Iżda d-dispożizzjonijiet ta’ dan il-paragrafu ma ghandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm ragunijiet ta’ urgenza ghall-hrug tal-mandat;

(c) jekk ic-cirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidità tieghu u dwar il-kapacità finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qaghda tad-debitur kienet maghrufa sew;

(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b’malizzja, tkun frivola jew vessatorja.

(9) Fil-każijiet li jaqghu taht is-subartikolu ta’ qabel dan, il-qorti tista’, meta jsirilha rikors mill-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, tikkundanna lir-rikorrent li fuq talba tieghu jkun inhareg il-mandat kawtelatorju sabiex ihallas dawk id-danni lil dik il-persuna li hija setghet garrbet bil-hrug tal-mandat, u f’kawżi bhal dawk il-qorti ghandha tara u tuża l-iskritturi tal-procedimenti tal-att kawtelatorju u ta’ kull procediment iehor li johrog jew jitnissel minnu, u dawk l-iskritturi ghandhom jitqiesu bhala prova ammissibbli ghall-finijiet ta’ din l-azzjoni.

Il-ligi taghti lill-Qorti diskrezzjoni jekk timponiex penali kontra l-persuna li tkun ippreżentat l-att kawtelatorju a favur tal-persuna li kontriha jkun gie ppreżentat l-att kawtelatorju, u dan fl-erba’ każijiet indikati f’paragrafi (a) sa (d) tal-istess sub-artikolu. In tema legali ssir referenza ghad-decizzjoni moghtija fit-23 ta' Awissu 2018 "Fl-atti tar-Rikors ghall-Hrug ta’ Kontro-Mandat ghall-

Mandat ta' Sekwestru Numru 1508/02 fl-ismijiet:**Joseph Demicoli vs. Coleiro General Supplies Ltd** (Rik Nru 77/18 JRM) fejn intqal hekk dwar dan is-sub-artikolu:-

"Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jinghad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni taghha, tista' taqbel li tghabbi lil min ikun hareg Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' hlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera ghas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mil-ligi biex tali sanzjoni tigi imposta. [...] Dwar din id-diskrezzjoni nghad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-ligi teżigi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss taghżel li ma timponix il-penali mahsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' gustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali mahsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija wahda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjetà fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż; "

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru, 2004 (Appell Civili Numru. 13/2002/3) "**Wara l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni nru. 86/98 fl-ismijiet: Lawrence Tabone pro. et. noe. v. Raymond Tabone"** intqal kif gej:-

"Huwa pacifiku li, minkejja li l-ligi tal-procedura tispecifika kjarament liema huma dawk il-kazi li fihom ghandha tapplika s-sanzjoni ta' imposizzjoni ta' penali, il-poter vestit fil-Qorti jibqa' dejjem wiehed ta' natura diskrezzjonali. Fi kliem iehor, il-Qorti

m’hijiex obbligata li bilfors u f’kull kaz li jkun, timponi penali u dan ghaliex il-ligi tghid biss li “Il-Qorti tista’….” (sottolinear tal-Qorti) u mhux “ghandha”.

Ikkunsidrat;

Illi fil-kaz in ezami rrizulta li Philip Azzopardi ma kellux dritt li jistitwixxi l-procedura ordinarja ghall-hrug tal-mandat kawtelatorju. Kien fid-dover illi jsegwi *ad unguem* id-dispost tas-sub inciz 5 tal-Artikolu 836. Pero' fil-fehma tal-Qorti dan in-nuqqas wahdu m'ghandux iwassal b'mod awtomatiku ghall-kundanna tal-penali.

Ir-rikorrenti jsostnu illi Philip Azzopardi agixxa b'malizzja u b'sens ta' vendikazzjoni meta fil-jum stess li rebah il-kawza li huma intavolaw kontrih sabiex jimpunjaw it-testment huwa intavola l-proceduri ghall-hrug tal-mandat.

Is-sub inciz regolanti l-penali jirreferi ghall-hrug ta' mandat fuq talba li tkun saret b'malizzja, jew tkun frivola jew vessatorja. Li jirrizulta lill-Qorti hu illi Philip Azzopardi jikkontendi illi s-sentenza moghtija fit-28 ta' Frar 2020 kienet tintitolah illi jitlob il-hrug ta' mandat ta' sekwestru iehor sabiex jikkawtela l-pretensjonijiet tieghu gia' dedotti f'kawza.

Il-Qorti gia' ghamlitha cara aktar qabel illi l-procedura odjerna ma hiex dik idonea sabiex jigi deciz jekk tali sentenza tikwalifikax bhala cirkostanzi godda wara r-revoka tal-mandat. Ghalhekk il-Qorti thalli dik il-materja impregudikata u bl-ebda mod ma qed tesprimi gudizzju fir-rigward.

Fic-cirkostanzi l-Qorti ma tarax li necessarjament Philip Azzopardi agixxa b'malizzja. Huwa evidenti ghall-Qorti li Philip Azzopari qed jittenta li jikkawtela l-pretensjoni tieghu. Il-Qorti ma tirriskontrax il-malizja kontemplata fil-ligi; irrispettivament jekk ghandux ragun jew le fil-pretensjoni tieghu u ghalhekk ser tuza d-diskrezzjoni lilha moghtija mil-ligi u tiddezisti milli timponi fuq is-sekwestrant il-penali mitluba mir-rikorrenti.

Is-sekwestrant ser jigi kkundannat ihallas l-ispejjez ta' din il-procedura in kwantu huwa l-parti sokkombenti.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi r-rikors ta' Rosina Cassar et. tat-12 ta' Marzu 2020 bil-mod segwenti:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju nru 318/2020 fl-ismijiet premessi;

2. Tichad it-tieni talba;

3. Tordna l-hrug tal-opportun kontro-mandat u n-notifiki skond il-ligi.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra Philip Azzopardi.

**Moghti kameralment illum it-8 ta' April 2020**.

**Robert G. Mangion**

**Imhallef**